



Brussell, 3 ta' Marzu 2025
(OR. en)

6007/25

LIMITE

CORLX 151
CFSP/PESC 225
CONOP 8
CONUN 25
COARM 33

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi
Bijoloġiċi u Tossiċi, il-programm intersessjonali tagħha u t-tfejjijiet għall-
Għaxar Konferenza ta' Reviżjoni tagħha

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...

ta' ...

**b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi,
il-programm intersessjonali tagħha u t-tħejjijiet
għall-Għaxar Konferenza ta' Reviżjoni tagħha**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (l-"Istrateġija tal-UE").
- (2) L-Unjoni qed timplimenta b'mod attiv l-Istrateġija tal-UE u tagħti effett lill-miżuri elenkati fil-Kapitolu III tagħha, b'mod partikolari dawk il-miżuri relatati mat-tisħiħ, l-implimentazzjoni u l-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTWC).
- (3) Il-Boxxla Strateġika għall-2022 għas-Sigurtà u d-Difiża tirreferi għat-theddida persistenti tal-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom, u tesprimi l-oġġettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ azzjonijiet konkreti b'appoġġ għall-għanijiet tad-diżarm, tan-nonproliferazzjoni u tal-kontroll tal-armi.

- (4) Fi h'dan il-qafas tal-Istrateġija tal-UE, il-Kunsill adotta b'appoġġ għall-Kunsill tal-BTWC l-Azzjonijiet Konġunti 2006/184/PESK¹ u 2008/858/PESK² u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2012/421/PESK³, (PESK) 2016/51⁴, (PESK) 2019/97⁵, (PESK) 2021/2033⁶, (PESK) 2023/123⁷ u (PESK) 2024/349⁸. Dak l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jtkompla.

-
- ¹ L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/184/PESK tas-27 ta' Frar 2006 b'appoġġ għall-Konvenzjoni tal-Armi Bioloġiċi u Tossiċi, fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda tal-Massa (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2006/184/oj).
- ² L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/858/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTWC), fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ĠU L 302, 13.11.2008, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2008/858/oj).
- ³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/421/PESK tat-23 ta' Lulju 2012 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTWC), fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 196, 24.7.2012, p. 61, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2012/421/oj>).
- ⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/51 tat-18 ta' Jannar 2016 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTWC), fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 12, 19.1.2016, p. 50, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2016/51/oj>).
- ⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/97 tal-21 ta' Jannar 2019 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 19, 22.1.2019, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/97/oj>).
- ⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2033 tad-19 ta' Novembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/97 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 415, 22.11.2021, p. 29, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/2033/oj>).
- ⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/123 tas-17 ta' Jannar 2023 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/97 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 16, 18.1.2023, p. 34, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/123/oj>).
- ⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/349 tas-16 ta' Jannar 2024 b'appoġġ tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (ĠU L, 2024/349, 17.01.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/349/oj>).

- (5) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni teknika ta' din id-Deċiżjoni tiġi fdata lill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:



Artikolu 1

1. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva, l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-Boxxla Strateġika dwar is-Sigurtà u d-Difiża, l-Unjoni għandha tagħti aktar appoġġ lill-attivitajiet tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet tad-Diżarm (UNODA) permezz ta' azzjoni operazzjonali b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTWC), il-programm intersessjonali tagħha u t-tnejjiet għall-Għaxar Konferenza ta' Reviżjoni (l-“azzjoni”).
2. L-objettivi tal-azzjoni għandhom ikunu:
 - (a) li tappoġġa l-programm intersessjonali tal-BTWC billi tiffaċilita d-diskussjonijiet li qed isiru fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tisħiħ tal-BTWC kif ukoll it-tnejjiet għall-Għaxar Konferenza ta' Reviżjoni fl-2027.
 - (b) li ssaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni billi tibni fuq il-kisbiet ta' Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill (PESK).
3. Deskrizzjoni dettaljata tal-azzjoni tinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-implimentazzjoni teknika tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) għandha ssir mill-UNODA.
3. L-UNODA għandha twettaq il-kompitu msemmi fil-paragrafu 2 taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jagħmel l-arranġamenti neċessarji mal-UNODA.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-azzjoni (in-"nefqa") għandu jkun ta' EUR 1 474 753.82.
2. In-nefqa għandha tkun amministrata f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni tajba tan-nefqa . Għal dak il-għan, għandha tikkonkludi ftehim ta' kontribuzzjoni mal-UNODA (il-"ftehim"). Il-ftehim għandu jistipula li l-UNODA għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, skont id-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hliitha biex tikkonkludi l-ftehim malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

Artikolu 4

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mħejjija mill-UNODA. Dawk ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.
2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-azzjoni.

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara l-konklużjoni tal-ftehim. Madankollu, għandha tiskadi 6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk ma jkunx ġie konkluż il-ftehim f'dak il-perjodu.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President